MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2010

Numru. 1081/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**KONTRA**

**NICHOLAS BONNICI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Nicholas Bonnici ta' 58 sena, bin Nicholas Bonnici u Philippa Scriha, mwieled nhar l- 20 ta' April 1951 gewwa Haz- Zebbug, residenti 160, Martins Flt 2, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 360151(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Nhar is- 26 ta' Mejju 2009 ghall- habta tas- 1.10pm u fil- jiem ta' qabel, b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiskru l-istess disposizzjoni tal- Ligi, u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, gewwa c- cimiterju tal- Mosta, hu kkommetta vjolazzjoni fuq qabar jew post tad- dfin, maghruf bhala hekk minn kulhadd;

2) Ukoll talli fl- istess dati, lok, hin u cirkostanzi hu volotarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, liema hsara, li saret ghad- dannu ta' Claudio Sant u jew persuni ohra, hija ta' aktar minn €116.47 imma anqas minn €1164.69;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mil-provi prodotti din il-kawza tirrisulta ampjament ippruvata. L-imputat, f'xi zmien bejn Marzu u Mejju 2009, kisser diversi bicciet ta' tizjin fuq il-qabar tal-familja ta' Claudio Sant, biex b'hekk ghamel hsara volontarja u vjolazzjoni ta' qabar. Hekk kif xehedu l-istess Sant u habib tieghu, certu Roderick Camilleri, huma kienu qaghdu ghassa tal-qabar tal-familja ta' Sant, wara li kienu sabu li l-qabar kien gie vandalizzat minn nies mhux maghrufa, u darba minnhom raw lill-imputat jaghti bis-sieq lill-affarjiet li kien hemm fuq l-istess qabar, biex dawn gew mitfugha 'l isfel mill-qabar u tkissru. In difesa l-imputat innega kollox, izda l-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni moghtija minnu.

Dan qed jinghad mhux minhabba l-apparenza tal-imputat, li ma tghinux, izda minhabba l-provi kkorroborati tal-Prosekuzzjoni, kollha kontra l-kelma biss tal-istess imputat.

Kwantu ghall-piena, dawn iz-zewg imputazzjonijiet igibu maghhom piena ta’ massimu ta’ tmintax-il xahar prigunerija jew multa ta’ massimu elf, mija u hamsa w sittin Ewro ghall-ewwel imputazzjoni, u piena ta’ massimu sena prigunerija ghat-tieni. Madankollu, il-Qorti ma tarax li l-imputat jimmerita piena karcerarja, u ghalhekk sejra taghtih sanzjoni fil-komunita’ ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446, flimkien ma’ ordni ta’ hlas ta’ danni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18, 162 u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Tordna inoltre lill-imputat ihallas is-somma ta’ mitejn u hamsin ewro (€250) lil Claudio Sant bhala danni fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------